*- RESPONSABBILITA' TA' INCIDENT-*

*- HOFRA FIT-TRIQ U SENJALETIKA TAL-ISTESS -*

*- ART. 1031, 1032, 1033, 1045 TAL-KAP 16.*

*- ART.29, 30, 34 TAL-KAP 10. -*

*- KAWZA PROSSIMA TAL-INCIDENT -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002

**Kawza Numru: 12**
**Citazzjoni Numru: 1480/95/RCP**

**Jacqueline Cremona**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fid-9 ta' Awissu 1995 fit-2.45 p.m., l-attrici kienet qeghda ssuq karozza Hyundai numru 0-0209(M) f'Zejtun Road, Marsaxlokk fid-direzzjoni ta' Marsaxlokk b'velocita` moderata.

Illi meta waslet vicin triq sekondarja hareg vann mill-istess triq ghal go Zejtun Road, l-attrici naqset il-velocita tal-karozza taghha.

Illi meta l-imsemmi van dahal go Zejtun Road, tghattiet il-viswali tal-attrici ghal hofra li kien hemm fl-istess triq fil-karriggjata taghha, liema hofra kellha quddiemha landa mghattna b'pajp tal-hadid imdahhal fiha u b'borza sewda tperper minn tarf l-istess pajp.

Illi meta l-imsemmi van ha postu f'Zejtun Road, l-attrici sabet ruhha ffacjata bl-imsemmija hofra u sabiex tevitaha, saqet lejn il-lemin taghha izda spiccat biex dahlet go hajt tas-sejjieh li kien hemm fuq ix-xellug taghha wara li kellha necessarjament terga' issuq ghal fuq ix-xellug taghha sabiex tevita kollizjoni ma' karozza ohra li kienet gejja mill-faccata taghha.

Illi l-imsemmija hofra imhaffra (ara ritratt Dok. "A") f'Zejtun Road, Marsaxlokk thaffret mill-Korporazzjoni konvenuta

jew fuq ordni taghha liema hofra thaffret minghajr ma hadet hsieb li tqieghed sinjali adegwati madwarha ghall-beneficcju tas-sewwieqa fl-istess triq.

Illi l-imsemmija hofra mhux adegwatament senjalata kienet il-kawza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni, kif ser jirrizulta.

Illi bl-impatt mal-imsemmi hajt tas-sejjieh, gew kagunati hsarat fil-karozza tal-attrici ammontanti ghal Lm587.00 (hames mija u sebgha u tmenin lira).

Illi l-istess attrici talbet li l-korporazzjoni tghid ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq deskritt.

2. Tillikwida d-danni subiti mill-attrici fis-somma ta' Lm587.00.

3. Tikkundannaha sabiex thallas lil-attrici s-somma ta' Lm587.00.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 1995 u bl-ingunzjoni tal-korporazzjoni konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti (fol 5 sa 6).

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' Novembru 1995 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 8 sa 18 tal-process).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta tas-16 ta' Frar 1996 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-incident awtomobilistiku ndikat fic-citazzjoni gara mhux minhabba xi nuqqas da parti tal-korporazzjoni konvenuta, imma minhabba nuqqas da parti ta' l-istess attrici;

2. Illi ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol 22 u 23 tal-process).

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 1996.

Rat in-nota ta' Jacqueline Cremona tal-25 t'April 1996 fejn permezz taghha gie esebit l-affidavit taghha stess (fol 30).

Rat il-verbali tat-3 ta' Mejju 1996, tat-18 t'Ottubru 1996, tal-25 ta' Novembru 1996 fejn xehed Alfred Gatt, tad-9 ta' Mejju 1997 u tal-31 ta' Ottubru 1997.

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta' Jannar 1998.

Rat il-verbali tat-2 ta' Frar 1998, tas-27 ta' Mejju 1998 fejn xehed PS 711 Anthony Polidano, John Restall u l-attrici, tat-13 ta' Jannar 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg biex jisma' l-provi, tat-8 ta' Ottubru 1999 u tat-3 ta' Dicembru 1999.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg u x-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti kollha hemm esebiti.

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-3 ta' Ottubru 2000, tat-23 ta' Novembru 2000, tal-5 ta' April 2001 u tat-2 ta' Ottubru 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-2 ta' Ottubru 2002, u d-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2001 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta. Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta u d-digriet tal-Qorti tas-16 t'Ottubru 2001 fejn ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex jiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi tal-Korporazzjoni konvenuta.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-13 ta' Frar 2002, u tat-13 ta' Frar 2002 fejn peress li l-kawza kienet differita ghall-finali trattazzjoni u ma deher hadd il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) AZZJONI ATTRICI.

Illi din il-kawza qed ssir *stante* li l-attrici qed tallega li hija kienet involuta f'incident tat-traffiku fid-9 ta' Awissu 1995 fis-2.45 p.m. minhabba hofra li kien hemm fl-istess triq fil-karreggiata taghha hija u ghaddejja minn Zejtun Road, Marsaxlokk, liema hofra kienet tinsab fit-triq fil-karreggiata taghha, kif indikat mir-ritratt tal-istess hofra esebit a fol. 6 tal-process, li saret allegatament mill-korporazzjoni konvenuta, liema korporazzjoni qed jinghad li ghalhekk hija responsabbli ghall-incident *de quo.*

Illi min-naha taghha l-korporazzjoni konvenuta qed tallega li l-istess incident gara minhabba nuqqas da parte tal-istess attrici, kemm ghaliex l-istess hofra kellha sinjali quddiemha

li jindikaha, u li l-istess attrici ma kellha qatt issib ruhha ffacjata b'tali hofra.

**(B) PROVI PRODOTTI.**

Illi l-**attrici** sostniet fl-affidavit taghha tal-24 ta' April 1996 a fol. 30 tal-process li kienet ghaddejja minn Zejtun Road, ghad-direzzjoni ta' Marsaxlokk, meta minn fuq ix-xellug taghha hareg vann minn triq sekondarja ghal quddiemha, b'mod li attilha l-vizzwali, u kif kien hekk quddiemha, hija sabhet f'daqqa wahda l-istess hofra, li kellha quddiemha landa mghattna b'pajp tal-hadid imdahhal fiha u b'borza sewda tperper minn tarf l-istess pajp; ovvjament inhasdet, kisret fuq il-lemin taghha, izda regghet gibdet lejn ix-xellug biex tevita li tahbat ma' karozza li kienet gejja mill-faccata, u tilfet il-kontroll tal-karozza u spiccat habtet mal-hajt tas-sejjieh. Mill-indigani li ghamlet saret taf li l-istess hofra kienet thaffret mill-korporazzjoni konvenuta u kienet ilha hemm ghal xi gimgha qabel l-incident taghha, tant li l-Kunsill ta' Marsaxlokk kien irrapporta dwarha lill-Pulizija. Skond hija soffriet Lm587 hsara kif hemm indikat fir-ricevuti esebiti mac-citazzjoni u wkoll fix-xhieda taghha tas-27 ta' Mejju 1998.

Illi in kontro-ezami l-attrici fit-8 ta' Mejju 2000 sostniet li l-pulizija kienu gew sabiex jinvetgaw l-incident u regghet spjegat kif kien gara l-istess incident u li l-vann kien hareg minn triq fuq ix-xellug taghha faccata tan-nicca li hemm fl-

istess triq, u f'dik il-parti tat-triq minn fejn hareg l-istess vann it-triq tidhol f'naqra ta' kurva. Il-vann isswervja biex jevita l-istess hofra u kif dan mar minnn quddiemha hija rat il-hofra u biex tevita l-istess marret fuq il-lemin taghha, pero' peress li kienu gejjin il-karozzi mid-direzzjoni opposta hija qalbet mill-ewwel fuq ix-xellug u spiccat mal-hajt ta' fuq ix-xellug taghha.

Illi l-istess attrici xehdet fit-12 ta' Gunju 2000 u sostniet li hija kienet xi 15-il metru l-boghod meta rat lill-van hiereg ghal got-triq principali u dan setghet tghidu ghaliex mill-ahhar darba li xehdet regghet marret fuq il-post. Hija ma setghetx tara l-horfa minn fejn kienet ghaliex kienet mghottija bil-vann, u l-landa u l-lasta ghalkemm fuqha kien hemm borza sewda kienet tlahhaq biss mal-*windscreen* u dan ghalkemm hemm vizzwali ghall-istess triq.

Illi **Alfred Gatt** fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Novembru 1996 sostna li kien jaf bil-hofra peress li kien dahal fiha bil-lejl meta ma kien hemm xejn jindika l-posizzjoni tal-istess fit-triq u kien huwa li kien ghamel rapport dwarha fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali *tramite* John Restall, is-segretarju tal-istess Kunsill. Dan qallu li ma kienx responsabbli l-Kunsill izda xi dipartiment tal-Gvern.

Illi **P.S. 711 Anthony Polidano** xehed fis-27 ta' Mejju 1998 li huwa investiga l-incident in kwistjoni u kien ghamel l-okkorrenza li kkonferma; meta mar fuq il-post sab lill-attrici mahbuta mal-hajt, u ma jidhirlux li kien hemm is-sinjal bil-

borza sewda meta huwa mar fuq il-post. Kieku kien hemm xi *barrier* huwa kien jindikah fuq l-okkorrenza.

Illi fl-istess okkorrenza nghad li:-

*"Meta l-Pulizija kellmet lil Jacqueline Cremona din qalet li kienet gejja minn naha ta' Bir-id-Deheb sejra Marsaxlokk u x'hin giet fil-liwja hareg van minn side street li hemm fuq ix-xellug; malli l-vann ghadda sabet hofra quddiemha li din provat tiskapulha u billi kienu gejjin il-karozzi mill-oppost tilfet l-kontroll u baqghet diehla gol-hajt".*

Illi **John Restall**, segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk sostna li huwa kellu diversi rapporti fuq l-istess hofra u bhala Kunsill kien irrapporta diversi drabi l-Water Works Paola, inkluza permezz ta' *fax* esebita bhala Do. "FGC 5" a fol. 61 tal-process, datata 8 ta' Awissu 1995, minn fejn jirrizulta li kien gja sar rapport lil Water Services Corporation fit-3 ta' Awissu 1995. Gimgha wara d-data tal-istess *fax* inghata t-tarmac ghall-istess hofra. Sostna li:-

*"Jiena ghalhekk naf sewwa fejn kienet dina t-toqba u nghid illi jekk min ikun qieghed isuq jirnexxielu jara' huwa biex jevitaha jkun irid imur fuq in-naha l-ohra tat-triq cioe' jaqbez il-linja medjana tat-triq. Jiena naf li ma kien hemm ebda barrier jew dawl jew barrier u dawl biex jindika li kien hemm l-istess hofra. Kien hemm xi haga sewda bhalma tidher fir-ritratt pero' ma niftakarx jekk dika l-bicca sewda li hemm fir-ritratt saritx wara l-incident jew inkella qabel".*

Illi **Anthony Bonello,** Senior Administrator fil-Legal Office tal-Korporazzjoni, xehed fil-15 ta' Frar 2000, li fil-19 ta' Lulju 1995 kien sar xi thaffir biex jigi jinbidel *sluice valve*, u r-Roads Department gie mitlub sabiex jaghlaq l-istess hofra, u x-xoghol fuqha gie ndikat li gie *re-instated* fis-26 ta' Lulju 1995. Ma setax jikkonferma jekk fil-fatt ix-xoghol sarx jew le, kif lanqas ma setgha jikkonferma li kien qed jirreferi ghall-hofra mertu tal-kawza odjerna. Kien sar xi xoghol iehor fil-11 ta' Awissu 1995. Ma rrizultalux li kien hemm *fax* min-naha tal-Kunsill ta' Marsaxlokk dwar l-istess hofra. Illi ghall-ittra ufficjali tal-attrici rrispondew li l-istess hofra kienet *re-instated* fis-26 ta' Lulju 1995. Il-*file* infetah fit-18 ta' Awissu 1995.

Illi l-istess xhud fit-12 ta' Gunju 2000 sostna li b'riferenza ghad-dokument esebit a fol. 154 tal-process fejn hemm indikat li kien hemm hsara biss bejn fil-11 ta' Awissu 1995, u ma kienx hemm iktar hsara fl-istess triq bejn it-3 ta' Awissu 1995 u 17 ta' Awissu 1995, jidher li dan huwa ir-rizultat tat-tiftix li sar mill-korporazzjoni dwar dan l-incident u ghalhekk l-istess xhud eskluda li kien sar xoghol iehor fl-istess triq. In kontro-ezami sostna li l-ittra legali tat-8 ta' Awissu marret biss il-Legal Office u mhux ghandu u ma setax jeskludi li l-istess korporazzjoni kienet informata minn qabel ghal dak li sehh fl-istess triq.

Illi **Albert Privitera** xehed fit-23 ta' Marzu 2000 u qal li huwa O*perations Manager* pero' ma kellux din il-posizzjoni

fil-1995 ghaliex kien jahdem fuq il-*Water Audit*. Meta investiga l-kaz f'Settembru 1995 sab li kien inbidel *valve* quddiem in-Nicca tar-Redentur fl-istess triq, sar it-thaffir bil-permess u baghtu *fax* lir-Roads Department sabiex isir it-thaffir. It-thaffir sar fl-20 ta' Lulju 1995 u id-dipartiment tat-toroq kien infurmat dak in-nhar stess sabiex isiru tali xoghlijiet u dan ghaliex dak in-nhar kien hemm ftehim mad-Dipartiment tat-Toroq li l-ewwel issewwi it-tiswijiet l-korporazzjoni konvenuta u mbaghad ix-xoghol ta' *reinstatement* tat-triq isir mill-istess Dipartiment, u thallas l-istess korporazzjoni konvenuta.

Illi huwa dahal fil-file biss f'Awissu 1995 u l-*foreman* kienu Pawlu Borg u l-assistent tieghu Domenic Agius u normalment id-dipartiment tat-toroq kien jif*fax*xja lura li x-xoghol kien sar. Dan ma sabhiex fil-*file* pero' huwa kkonferma li x-xoghol kien sar fis-26 ta' Lulju 1995, u dan skond dokument datat 28 ta' Settembru 1995 li jinsab esebit a fol. 99 tal-process u fih jinghad li:

*"Trench at Zejtun Road opp. "Redentur" was Reinstated on the 26/7/1995".*

Illi l-istess xhud sostna li fil-*file* ma jkunx hemm kollox dettalji *loose* biss. Il-firma fuq id-dokument kienet ta' Joseph Farrugia mir-Roads Department. Huwa ma setax jikkonferma li fil-fatt ix-xoghol sar. Illi ma jafx jekk kienx jinzamm *audit*. Illi l-*fax* esebita a fol. 65 tal-process huwa qatt ma raha.

Illi **Domenic Agius,** *principal foreman* mal-korporazzjoni konvenuta xehed fit-23 ta’ Marzu 2000 li fid-data tal-incident huwa kien Assistant W.T.O. u dak in-nhar kien fid-distrett li jinkludi Zejtun Road, Marsaxlokk. Huwa kien jaghti ix-xoghol lill-haddiema tieghu. Jaf li sar xoghol fl-istess triq u fl-inhawi tal-incident pero’ ma kienx jaf jekk dan sarx f’Lulju jew Awissu 1995 u l-hsarat kienu jikkonsistu fi hsara fuq is-*sluce valve* u darba ohra biddlu l-istess tip ta’ valve u t-thaffir isir mill-impjegati tieghu u l-hofra li giet indikata lilu fir-ritratt hija simili ghal dik li ssir biex jinbidel *sluce valve*; qal li normalment ssir *temporary re-instatement* tat-triq, u jinformaw lid-dipartiment tat-toroq sabiex imbaghad jghalqu x-xoghol huma. Dan ix-xoghol temporanzju kien jikkonsisti li jitqieghed tarmac fil-hofra u jbattnuh bil-pala. It-talba lir-Roads Dipartment sabiex isir x-xoghol minnhom jidher li saret fl-20 ta’ Lulju 1995, u ghalhekk ix-xoghol ikun sar qabel. Dejjem wara li jsir ix-xoghol mill-korporazzjoni kienu jinfurmaw lil tar-Roads, u qatt qabel. Mhux dejjem kienu isegwu jekk tali xoghol ikunx sar mir-Roads u f’dan l-kaz ma jiftakarx.

Illi **Mario Agius** xehed fit-18 ta’ Settembru 2000 bhala rappresentant tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, u dwar ix-xoghol in kwistjoni sostna l-ftehim li kien hemm mal-istess korporazzjoni fis-sens li l-istess korporazzjoni kienet tibghat *fax* sabiex tinformahom fejn kellu jsir ix-xoghol ta’ *reinstatement* tat-toroq u skond huwa ffirma l-messagg tad-29 ta’ Settembru 1995 fejn hemm miktub u

iffirmat minnu li dan ix-xoghol kien sar fis-26 ta' Lulju 1995. Huwa fuq il-lant tax-xoghol ma kienx mar u ma kienx ivverifika jekk dan hux minnu.

Illi **Joseph Farrugia,** Kap tal-Unit ghal Ambjent tal-Indafa xehed fl-14 ta' Marzu 2001 u sostna li fil-1995 kien Kap tas-sessjoni tal-*manitenance* fid-Dipartiment tat-Toroq, u kkonferma l-ftehim li kien hemm mal-korporazzjoni konvenuta, li wara li jaghmlu x-xoghol huma, id-dipartiment tieghu jaghmel *reinstatement jew resurfacing* tat-toroq, jintbaghat il-kont lill-istess korporazzjoni li thallas tal-istess servizz provdut. Illi huwa sostna li d-dipartiment dokumenti ma zammx fuq l-istess xoghlijiet peress li kien hemm hafna taqlib fid-dipartiment, ghalkemm l-korporazzjoni konvenuta suppost kellha l-istess dokumenti. Ma kienx ghalhekk facli li jigi identifikat minn ghamel dan ix-xoghol u ma setghax jikkonferma jekk il-*fax* li ntbaghtet mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kienet vera jew le. Personalment ma kienx imur lanqas fuq il-lant tax-xoghol biex jivverifika li dan ix-xoghol kien lest. Il-haddiema kellhom formula sabiex jindikaw jekk ix-xoghol kienx lest jew le pero' dawn id-dokumenti mhux possibbli li jinstabu peress li ma baqghux jahdmu mal-korporazzjoni konvenuta.

Illi **Joseph Chircop** xehed fis-26 ta' Marzu 2001 u qal li kien *Works Manager* mad-Dipartiment tat-Toroq li kkonferma l-ftehim li kien hemm mal-korporazzjoni tal-ilma ghax-xoghol ta' *resurfacing* tat-toroq u Joseph Farrugia kien l-persuna nkarigata mix-xoghol li jaghmlu l-istess nies,

li kienu bejn mija u mitejn u stazzjonati l-Bombi u r-*records* kienu jinzammu Santa Venera. Huwa ma jafx jekk hemmhekk kienux jinzammu *records*, ghalkemm huwa kien izomm tieghu.

Illi **Patrick Briffa** xehed fil-5 ta' Lulju 2001 u sostna li huwa jahdem bhala *building tradesman* mal-Unit ghall-Ambjent Nadif. U d-Dipartiment tat-Toroq kien jaghmel tali xoghol ghall-korporazzjoni konvenuta izda fuq ix-xoghol li allegatament sar fis-26 ta' Lulju 1995 mill-istess dipartiment ma kien jaf xejn. L-*officer in charge* dak iz-zmien kien Alfred Barbara.

Illi **Alfred Barbara** xehed ukoll fil-5 ta' Lulju 2001 u jahdem bhala *Assistant W.T.O.* u fis-sena 1995 kien jahdem mar-*Roads Department* u fuq l-istess xoghol li allegatament sar mill-istess dipartiment fil-24, 25, 26 ta' Lulju 1995 fit-triq indikata ma kienx jaf xejn hlief li dak iz-zmien ix-xoghol kien isir fi zmien 24 siegha mir-rikjesta mill-korporazzjoni konvenuta, li maghha kien hemm dan il-ftehim imsemmi minn diversi xhieda. Huwa kien jivverifika dan ix-xoghol ghalkemm gieli sab li hofra tithaffer u terga' tinfetah wara. Sostna li ma kienux dejjem ituhom l-lista indikata bhala *Daily Return of Street Surfacing* li tinsab esebita a fol. 98 tal-process. Huma kull ma kien ikollhom kienet karta temporanja ta' l-istrada fejn kien irid isir ix-xoghol. Imbaghad jirrappurtaw li lestew ix-xoghol, pero' ma jistax jghid ix-xoghol jekk sarx jew le, apparti li normalment ix-xoghol kien isir fi zmien 24 siegha. Mhux l-ewwel darba li

jsir ix-xoghol u l-istess bicca terga' tinqala minghajr mad-dipartiment ikun avzat.

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI U LIGI DWAR IL-KAZ.**

Illi din il-kawza titratta dwar incident stradali li gara fid-9 ta' Awissu 1995 fejn l-attrici qed tallega li hija kienet involuta f'incident tat-traffiku fid-9 ta' Awissu 1995 fis-2.45 p.m. minhabba hofra li kien hemm fl-istess triq fil-karreggiata taghha hija u ghaddejja minn Zejtun Road, Marsaxlokk, liema hofra kienet tinsab fit-triq fil-karreggiata taghha, kif indikat mir-ritratt tal-istess hofra esebit a fol. 6 tal-process, li saret allegatament mill-korporazzjoni konvenuta, liema korporazzjoni qed jinghad li ghalhekk hija responsabbli ghall-incident *de quo.*

Illi d-dinamika tal-incident hija pjuttost wahda cara, anke ghaliex il-versjoni tal-attrici ma giet bl-ebda kontradetta mix-xhieda prodotta mill-korporazzjoni konvenuta, u di piu tali xhieda taghha hija kkoroborata mis-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-istess incident, kif ukoll minn dak kontenut fl-okkorrenza u *R.A.R. Report* maghmul mill-istess surgent, ibbazat fuq dak li qaltlu l-istess attrici *a tempo vergine* wara l-istess accident, apparti mix-xhieda ta' John Restall, segretarju tal-Kunsill ta' Marsaxlokk, f'dak iz-zmien meta gara l-istess incident.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet ghaddejja ghad-direzzjoni ta' Marsaxlokk fid-data u hin

indikat, fejn wara li qabzet id-dwieli li hemm fl-istess triq tad-ditta Marsovin, u giet biex tavvicina l-liwja li hemm quddiem in-nicca tar-Redentur fl-istess triq, tara vann li hareg ghal quddiemha minn triq li tigi fuq ix-xellug taghha, b'mod li dan isswervja fuq il-lemin tieghu u mar fuq in-naha ta' barra tat-triq sabiex jevita l-hofra li kien hemm fl-istess triq, proprju fil-post kif wiehed johrog mill-istess triq li hareg minna l-vann, u liema toqba tinsab indikata fir-ritratti esebita a fol. 6 u 101 tal-process, u kif appena dan il-vann mar minn quddiem l-attrici, hija sabhet l-istess hofra quddiemha bil-landa u kanna hierga minnha b'borza sewda tal-*garbage bags* imdendla maghha.

Illi l-attrici inhasdet b'dan l-ispeci ta' apparat u l-hofra u ghalhekk kissret fuq il-lemin taghha, izda peress li rat li kienu gejjen karozzi min-naha l-ohra tat-triq hija regghet kissret ghal fuq il-lemin taghha, bil-konsegwenza li tilfet il-kontroll u spiccat mal-hajt.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-hofra kienet hemm fil-mument tal-incident, u dan ghaliex din tidher mir-ritratti li l-istess konvenuta hadhet wara l-istess incident u wkoll peress li din ix-xhieda tal-attrici hija kkoroborata kif fuq inghad mis-Surgent tal-Pulizija P.S. 711 Anthony Polidano li nvestiga l-incident u wkoll mix-xhieda ta' John Restall, segretarju dak iz-zmien tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

Illi l-korporazzjoni konvenuta donna qed tghid fl-eccezzjonijiet taghha li hija ma ghamlet l-ebda xoghol ta'

thaffir f'dawk l-inhawi fid-data tal-incident in kwistjoni, pero' mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess korporazzjoni ghamlet xoghol ta' thaffir fl-istess post fil-26 ta' Lulju 1995, sabiex jinbidel *sluce valve* li kien hemm bil-hsara fl-istess triq, tant li l-istess korporazzjoni kienet ottjeniet il-permess sabiex isir dan ix-xoghol skond permess mahrug fil-20 ta' Lulju 1995 u li jinsab esebit a fol. 93 sa 95 tal-process.

Illi fil-fatt jirrizulta li saret ukoll rikjesta mill-istess korporazzjoni lid-Dipartiment tat-Toroq sabiex tali hofra tigi *resurfaced* fl-20 ta' Lulju 1995, kif jidher mid-dokument esebit a fol. 98 tal-process, u ma jidhirx li gie esebit xi dokument li juri li dan ix-xoghol effettivament sar mill-istess dipartiment hlief nota datata 28 ta' Settembru 1995 iffirmata minn Mario Agius esebita a fol. 99 tal-process fejn jinghad li *"trench at Zejtun Rd. opp. "Redentur" was reinstated on the 26/7/95".*

Illi mela mill-kumpless ta' provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li din il-hofra saret biex tissewwa xi hsara fis-sistema ta' kommunikazzjoni tal-ilma, u senjament biex jinbidel *sluce valve*, mill-korporazzjoni konvenuta u dan ix-xoghol sar fil-20 ta' Lulju 1995, liema korporazzjoni mill-ewwel informat lid-dipartiment tat-toroq sabiex skond il-ftehim li huma kellhom bejniethom tali parti tat-triq tigi *resurfaced.*

Illi ghalkemm fit-28 ta' Settemmbru 1995, u cjoe' wara l-incident, hemm indikat li tali xoghol gie rrangat fis-26 ta'

Lulju 1995, dan ma jistax ikun korrett *stante* li jidher li l-hofra baqghet hemm fid-data tal-incident u cjoe' fid-9 ta' Awissu 1995, u dan kif jirrizulta mix-xhieda tas-Surgent li investiga l-incident, mix-xhieda tal-attrici, u fl-ahharnett mix-xhieda ta' John Restall, ghan-nom tal-Kunsill ta' Marsaxlokk, li fil-fatt xehed hekk:-

*"Jiena ghalhekk naf sewwa fejn kienet dina t-toqba u nghid illi jekk min ikun qieghed isuq jirnexxielu jara huwa biex jevitaha ikun jrid imur fuq in-naha l-ohra tat-triq cioe' jaqbez il-linja medjana tat-triq. Jiena naf li ma kien hemm ebda barrier jew dawl jew barrier u dawl biex jindika li kien hemm l-istess hofra. Kien hemm xi haga sewda bhalma tidher fir-ritratt pero' ma niftakarx jekk dik l-bicca sewda li hemm fir-ritratt saritx wara l-incident jew inkella qabel".*

Illi mhux biss izda l-istess xhud esebixxa *fax* datata 8 ta' Awissu 1995 li huwa personalment baghat lil Joseph Mercieca tal-korporazzjoni konvenuta li tinsab esebita a fol. 61 tal-process bhala Dok. "FGC 5" li tghid fost affarijiet ohra is-segwenti:-

*"WSC had carried out trenching works opposite the Nicca tar-Redentur on Zejtun Road (Near Marsovin Vineyard) about two weeks ago. The Trench has not been tarmacked yet and has left a nasty deep pothole in an already dangerous curve in the road – an accident waiting to happen! Again, this was reported to WSC Paola on 3 August 1995. I spoke to Mr. Busuttil there who informed me*

*that an order for the tarmacking had been fowarded and I requested him to chase it. As of this morning the pot-hole was still very much there".*

Illi mid-diversi xhieda prodotti mill-konvenuti hadd minnhom ma kien jaf xejn dwar dan il-messagg, u fil-fatt hadd mill-istess korporazzjoni ma kien jaf *di xjenza propju* meta tali xoghol fil-fatt kien sar u fil-fatt kien l-istess xhud appena citat li sostna li t-triq giet irrangata biss xi gimgha wara d-data tal-imsemmija *fax*.

Illi dan ifisser li din il-hofra fit-triq kienet hemm fid-data tal-incident u quddiemha kien hemm l-landa bil-kanna u bil-borsa sewda tal-*garbage bags* indikata fir-ritratti esebiti, u in effetti la l-istess korporazzjoni u lanqas id-dipartiment tat-toroq u x-xhieda kollha minnha prodotti ma kienu kapaci jindikaw mir-*records* meta effettivament sar dan ix-xoghol, tant li ufficjali tad-dipartiment tat-toroq sostnew li tali *records* ma ghadhomx jezistu, mentri ufficjali tal-korporazzjoni konvenuta ma setghawx jindikaw u lanqas jikkonfermaw jekk kienx hemm xi hadd minnhom li ivverifika biss li dan ix-xoghol attwalment sar u meta sar.

Illi dan huwa iktar serju ghal posizzjoni tal-korporazzjoni konvenuta *stante* li jidher li hadd mix-xhieda imtella minnha ma indenja ruhhu jivverifika fuq il-lant tax-xoghol li f'dak iz-zmien l-istess xoghol kien sar, ghaliex il-fatt li wiehed jinforma lid-dipartiment tat-toroq sabiex isir dan ix-xoghol, ma jfissirx li r-responsabbilita' tal-istess korporazzjoni li

ghamlet xoghol fit-triq tieqaf hemm, izda ghandu jibqa' hemm sakemm l-istess triq tigi fil-fatt irrangata.

Illi dan ma jidhirx li sar mill-korporazzjoni konvenuta, fil-waqt li min-naha l-ohra d-dipartimemt tat-toroq, ma jidhirx li ghamel wisq izjed, tant li kif jidher mill-fatti esposti f'dan l-kaz tali hofra baqghet hemm mid-data li t-triq inqalghet ghal perjodu ta' cirka tliet gimghat shah, u dan minkejja li almenu persuna wahda, is-sgretarju tal-Kunsill ta' Marsaxlokk, informahom b'dan il-fatt kemm verbalment u kemm bil-miktub *tramite fax*.

Illi l-korporazzjoni konvenuta jidher li ghamlet *a wild goose chase* f'din il-kawza sabiex tistabilixxi min kien ghamel dan ix-xoghol u min kien responsabbli ghal tali nuqqas, pero' mill-provi prodotti dan ma giex solvut, peress li jidher car li hemm nuqqas ta' zamma ta' *records* mill-persuni involuti fiz-zewg entitajiet, u wkoll riflessjoni ta' nuqqas ta' serjeta' gravi ta' kif saru l-affarijiet almenu f'dan il-kaz; kien in verita' inutili dan l-ezercizzju *stante* li x-xhieda tal-attrici hemm ikkoroborata anke` mir-ritratti, juru bic-car li l-imsemmija hofra kienet ghada tezisti fid-data tal-incident, u taht dan l-aspett wiehed ma setax jara l-utilita' ta' tant xhieda, li jidher fuq kollox li hadd minnhom ma mar fuq l-lant meta sar l-istess xoghol, lanqas min kien *foreman* u lanqas min ta l-istruzzjonijiet sabiex l-istess parti tat-triq tigi *tarmaced.*

Illi kienet x'kienet il-prova li riedet taghmel il-korporazzjoni, la darba irrizulta li hija kienet ghamlet xoghol ta' manutenzjoni fl-istess parti tat-triq, hija ma setghet qatt telimina dak li jidher car li kien hemm fid-data tat-9 ta' Awissu 1995, ghaliex mir-ritratt biss jidher, li wara l-incident l-istess hofra kienet ghada hemm u din ikkonfermata minn dokument ufficjali mahrug mill-pulizija, bhal ma hija l-okkorrenza tal-istess incident, biex wiehed ma jsemmi xejn dwar ir-rapporti li saru mis-segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, li avvza b'dan lill-korporazzjoni konvenuta almenu darbtejn qabel l-akkadut.

Illi apparti dan in-nuqqas ta' *records* idoneji mizmuma mill-korporazzjoni konvenuta huwa lampanti, ghaliex lanqas *record* almenu ta' hlas ta' tali xoghol lid-dipartiment tat-toroq ma gie esebit u jidher li lanqas instab, kif l-istess jista' jinghad ghar-rendikonti li kienu jinzammu mid-dipartiment tat-toroq f'dak iz-zmien. Mill-kumpless tal-provi prodotti jidher in-nuqqas ta' serjeta' gravi fil-gbir ta' tali informazzjoni u rendikonti tax-xoghol li kien effettivament isir mill-istess korporazzjoni u d-dipartiment tat-toroq koncernat.

Illi l-korporazzjoni konvenuta ma tistax lanqas tiddefendi ruhha billi tghid li dak ix-xoghol ta' *resurfacing* kellu jsir mid-dipartiment tat-toroq, *stante* li f'kawza bhal dik odjerna, la darba jirrizulta li x-xoghol ta' tkissir ta' triq sar minnha, hija tibqa' responabbli ghall-eventwali konsegwenzi tal-istess, u ta' eghmilha, ghalkemm jista' jkun li jkollha azzjoni ta'

rivalsa kontra l-istess dipartiment, pero' dan qatt ma jista' jaffetwa lill-attrici, f'kaz ta' responsabbilita' fil-konfront taghha li tigi diskussa iktar il-quddiem. Ghalhekk abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li tghid li mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-korporazzjoni konvenuta ghamlet tali xoghol ta' thaffir u sad-data tal-incident *de quo* l-istess hofra kienet skoperta ghal kollox.

Illi ghal dik li hija responsabbilita' tal-incident *de quo* skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".* **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici"** - A.C. 3 ta' Dicembru 1991).

Illi *ai termini* tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** *"jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja".*

Illi fl-ahharnett *ai termini* tal-**artikolu 1033** *"kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel id-deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk".*

Illi min-naha l-ohra skond **l-artikolu 29 tal-Kap 10** jinghad li:-

*"Hadd ma jista', ghal ebda raguni, ikisser jew jiftah il-bankina jew il-wicc ta' triq minghajr il-permess mahrug mid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, jew xort'ohra milli jkun hemm imnizzel fil-permess. Wara li jitlesta x-xoghol li ghalih ikun hareg il-permess, il-persuna li tkun qalghet il-permess ghandha, mill-iktar fis li jista' jkun, timla kif imiss il-bankina jew il-wicc hekk imkissra u miftuha, bit-terrapien li jkun hareg mit-tahfir, u tbattihom tajjeb, u l-wicc, imbaghad, ghandu jigi mqieghed mill-gdid fi stat tajjeb ta' tiswija mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici bi spejjez tal-persuna li tkun qalghet il-permess".*

Illi l-**artikolu 30 tal-Kap 10** jipprovdi li:-

*" Waqt il-bini jew tiswija ta' triq, ta' kanal jew ta' gandott, jew ta' bicca xoghol ohra fit-triq, l-ufficjal inkarigat ghandu jiehu l-hsieb mehtieg biex tigi skansata kull disgrazzja, u jekk ikun mehtieg, … … … … … … u jiehu hsieb li kull kanal, gandott, jew bicca xoghol ohra jkunu mdawlin tajjeb u irparati, ma tul il-lejl, sabiex ma jigrux disgrazzji".*

Illi l-**artikolu 34 tal-Kap 10** jipprovdi li:-

*"Hadd ma jista' jhalli fi triq materjal ta' bini jew xkiel iehor, jew tahfir mikxuf, ghal zmien aktar milli jkun mehtieg; u kull meta jigri dan, il-prova illi ma jkunx ghadda zmien milli mehtieg ghandha taghmilha l-persuna li tkun gghelet li jinxehet hemm dak il-materjal jew xkiel iehor jew li jsir it-tahfir".*

Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2001) inghad illi *"min dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".*

*"Illi ghal dak li tirrigwarda l-azzjoni civili, din tirrisolvi ruhha f'kawza ghal dikjarazzjoni tar-responsabbilita' u ghal hlas tal-eventwali danni sofferti inkluzi damnum emergens u lucrum cessans inkluz f'kaz ta' dizabbilta' permanenti dak stipulat fl-**artikolu 1045".***

Illi kif inghad iktar il-fuq ftit jista' jkun hemm dubji dwar id-dinamika tal-incident *stante* li mill-provi attrici jirrizulta li waqt li hija kienet ghaddejja ghal Marsaxlokk mill-istess triq, vann dahal quddiemha mit-triq laterali li kien hemm fuq ix-xellug taghha, proprju quddiem in-Nicca tar-Redentur li hemm fl-istess triq, u wkoll ezatt quddiem il-hofra in kwistjoni li tigi, kif jidher mir-ritratt a fol. 101 tal-process, ezatt kif wiehed jidhol mill-istess triq ghat-triq principali.

Illi b'hekk il-vann gie quddiem l-attrici, izda dan mill-ewwel swervja ghal fuq il-lemin tieghu proprju biex jevita din il-hofra, u ghalhekk l-attrici giet riffacjata b'hofra quddiemha, u b'landa b'kanna fiha b'borsa sewda tal-*garbage bags*

fuqha, li hasditha, dawret fuq il-lemin taghha, fejn rat li kienet gejja karozza mid-direzzjoni opposta u ghalhekk regghet dawret ghall-lemin tilfet il-kontroll u baqghet diehla gol-hajt tal-lemin taghha u kkawzat il-hsarat indikati fic-citazzjoni attrici.

Illi din il-versjoni tal-attrici ma giet bl-ebda mod kontradetta, anzi din kienet il-verzjoni taghha mill-ewwel mument wara l-incident kif jinsab rapportat kemm fl-R.A.R u kemm fl-okkorrenza tal-istess incident redatta mis-Surgent Anthony Polidano.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, jidher li din il-Qorti trid issib il-kawza prossima tal-istess incident u mill-provi prodotti jirrizulta ppruvat fil-grad li trid il-ligi, li l-versjoni attrici hija kkoroborata, u *di piu`* verosimili peress li bil-mod fejn qeghda l-hofra fl-istess triq igieghel lil kull min kien hiereg mit-triq laterali li jmur mill-ewwel fuq il-lemin tat-triq biex jevita l-istess hofra, li l-posizzjoni taghha gravat bil-landa li kien hemm quddiemha, ghaliex dak li jkun jipprova mhux biss jevita l-iskoss ta' tali hofra, izda wkoll il-hsara li tista' tigi kkawzata minhabba proprju l-landa u l-kanna li kien hemm maghha.

Illi mhux hekk biss izda huwa verosimili wkoll li il-vann la darba kien quddiem l-attrici, kien qed jaghti l-vizzjoni tal-istess attrici, certament ghall-hofra u l-landa li kien hemm mal-art, b'mod li kien biss meta l-istess vann mar minn quddiemha, li hija setghet tinduna b'tali hofra u apparat

imqieghed quddiemha. Hekk kif din kienet f'posizzjoni li tarah, meta allura mar il-vann minn qiddiema, hija kienet vicin wisq l-istess hofra u landa, u ghalhekk certament li hija inhasdet, u marret fuq il-lemin taghha, bezghet li ser tahbat ma' karozzi mis-sens oppost u tilfet il-kontroll u dahlet fil-hajt tal-lemin.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti bil-hofra li kien hemm, u iktar gravament bil-landa li tqeghdet quddiemha, li certament ma tistax tikkwalifika bhala senjaletika addattata ghat-toroq taghna, jew ghal kwalunkwe triq, l-attrici giet infaccjata *b'sudden emergency, stante* li l-istess sewwieqa qatt ma kienet tista' tipprevedi dak li kien hemm fl-istess triq, u bil-mod kif sar l-incident, u anke fil-posizzjoni fit-triq fejn l-istess hofra kienet fi speci ta' liwja, l-istess attrici ma setax ikollha vizzwali taghha; illi certament li l-attrici giet mahsuda b'dan kollu quddiemha, u ghalkemm jista' jinghad li hija ma agixxietx perfettament wara tali hasda, ghandu jinghad ukoll li dan kollu kien dovut ghal fatt li hija kienet qed tagixxi *in the agony of the collision* u ghalhekk l-azzjoni taghha hija gustifikabbli, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra, li f'dik il-parti tat-triq, biex wiehed jikser ghal lemin tieghu, jmur in parti zgur fuq il-karreggiata l-ohra, u ghalhekk l-perikolu ta' skontru mal-utenti l-ohra tal-istess triq fid-direzzjoni opposta huwa wiehed rejali.

Illi ghal dik li hija l-kawza prossima tal-istess incident, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li tikkonkludi li dan kien it-thaffir li sar tal-istess hofra mill-istess korporazzjoni

konvenuta, li mhux biss haffret l-istess hofra u ghalhekk fil-posizzjoni li kienet holqot minnha innfisha perikolu, izda wkoll ghamlet l-istess landa indikata fir-ritratt quddiemha, bil-kanna u l-borsa sewda, li aktar u aktar ziedet il-perikolu, kemm bin-nhar u kemm iktar bil-lejl; mhux biss izda naqset li almenu tbattan l-istess hofra, la bil-mod rikjest mill-ligi u lanqas kif inghad mir-rappresentant tal-istess korporazzjoni b'tarmac imbattan, izda hallieta hemm mikxufa, bla senjaletika adatta, mhux ghal gurnata jew tnejn, izda ghal circa tliet gimghat shah, u dan anke` ghalhekk ghal zmien mhux ragonevoli kontemplat mill-istess ligi fuq indikata f'**Kap 10.** Il-fatt li l-istess korporazzjoni applikat u ottjeniet il-permess mill-awtoritajiet koncernati ma jezimhiex mir-responsabbilta' li tiehu hsieb li bl-agir u x-xoghol taghha ma tohloqx perikolu lill-haddiehor, anzi hija obbligta li tara li dan il-perikolu ma jissussthiex billi tiehu l-mezzi kollha possibbli sabiex dan tevitah, u fic-cirkostanzi tal-kaz dan l-istess korporozzjoni certament ma ghamlithux.

Illi minn dan kollu din il-Qorti hija konvinta li kieku ma kienx hemm l-istess hofra, u li kieku saru il-prekawzjonijiet necessarji sabiex l-istess ostakolu ghas-sewwieqa jigi adegwatament indikat lill-utenti tal-istess triq u mhux bil-mod brusk u miskin u ta' misthija li fil-fatt gie ndikat fil-kaz odjern, dan l-incident ma kienx isehh, u ghalhekk tali xoghol *da parte* tal-korporazzjoni konvenuta kien il-kawza prossima w unika tal-incident *de quo,* li ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fl-istess incident.

## III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi d-danni sofferti mill-attrici jammontaw ghal hames mija u sebgha u tmenin lira Maltija (LM587) li jinsabu kkoroborati mir-ricevuti esebiti mac-citazzjoni attrici bhala Dok. “C” sa Dok. “F” minn fol. 11 sa fol. 18 tal-process u jinsabu kkonfermati mis-*survey report* li sar minn John Callus fit-23 ta' Awissu 1995 esebit bhala Dok. “E” a fol. 17 tal-process, liema ammonti bla ebda mod ma gew kkontestati mill-korporazzjoni konvenuta, u ghalhekk l-ammont ta' danni sofferti mill-attrici ghandha tigi likwidata fl-istess ammont.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-korporazzjoni konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lil korporazzjoni konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq deskritt.

2. Tillikwida d-danni subiti mill-attrici fis-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm587.00.)

3. Tikkundannaha sabiex thallas lil-attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm587.00).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 1995 kontra l-korporazzjoni konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**